

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2012 — Smartbook vs UASI (SMARTBOOK)**(Kawża T-123/12)**

(2012/C 157/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrenti:* Smartbook AG (Offenburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Milbradt u A. Schwarz, avukati)*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-15 ta' Diċembru 2011 (Każ R 799/2011-2);

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti fil-proċedimenti ta' appell.

Motivi u argumenti prinċipali*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "SMARTBOOK" (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 8 426 348) għal prodotti fil-klassijiet 9, 16 u 28.*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda.*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija ta' karattru distintiv u ma tiddekrivix il-prodotti inkwistjoni**Rikors ippreżentat fil-20 ta' Marzu 2012 — Interroll vs UASI (Inspired by efficiency)****(Kawża T-126/12)**

(2012/C 157/14)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrenti:* Interroll Holding AG (Sant'Antonio, l-Isvizzera) (rappreżentant: R. Böhm, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-12 ta' Jannar 2012 (Każ R 1280/2011-1);

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "Inspired by efficiency" (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 9 725 359) għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 6, 7, 9, 20, 35, 39 u 42.*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda.*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud.*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija ta' karattru distintiv u ma tiddekrivix il-prodotti u s-servizzi inkwistjoni**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2012 — HTTS vs Il-Kunsill****(Kawża T-128/12)**

(2012/C 157/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrenti:* HTTS Hanseatic Trade Trust & Shipping GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Kienzle u M. Schlingmann, avukati)*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/35/PESK, tat-23 ta' Jannar 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ⁽¹⁾ u r-Regolament ta' implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 54/2012, tat-23 ta' Jannar 2012, li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 961/2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ⁽²⁾, sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-Kunsill ibati l-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi dawk inkorsi mir-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

(1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti

— F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill kiser id-dritt tagħha għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u, b'mod partikolari, l-obbligu ta' motivazzjoni, għaliex ma mmotivax suffiċjentement l-inklużjoni l-ġdida tar-rikorrenti fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi suġġetti għal miżuri restrittivi skont l-Artikoli 19 u 20 tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK ⁽³⁾ u skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 961/2010 ⁽⁴⁾.

— Barra minn hekk, il-Kunsill ma eżaminax id-deċiżjoni li r-rikorrenti tiġi inkluża mill-ġdid fil-lista ta' sanzjonijiet, minkejja li ntab jagħmel dan mir-rikorrenti.

— Minbarra dan, il-Kunsill kiser id-dritt għal smigħ tar-rikorrenti, għaliex ma tax lir-rikorrenti l-possibbiltà li tippreżenta osservazzjonijiet preliminari rigward l-inklużjoni l-ġdida fil-lista ta' sanzjonijiet u li titlob, f'dan il-mument, eżami mill-Kunsill.

(2) It-tieni motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' bażi legali għad-deċiżjoni kkontestata

Ir-rikorrenti tqis li r-Regolament ta' implementazzjoni kkontestat diġà ma għandux bażi legali għaliex, fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2011, mogħtija fil-Kawża T-562/10, il-Qorti Ġenerali ddikjarat in-nullità tar-Regolament Nru 961/2010 sa fejn kien jikkonċerna lir-rikorrenti. Minkejja ż-żamma tal-effetti tar-Regolament Nru 961/2010 għal perijodu ta' xahrejn, l-imsemmi regolament ma jistax jikkostitwixxi, fir-rigward tar-rikorrenti, bażi legali effikaċi għall-adozzjoni ta' regolament ta' implementazzjoni.

(3) It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 266 TFUE

Ir-rikorrenti ssostni, minbarra dan, li l-Kunsill ma adotta ebda miżura sabiex jeżegwixxi s-sentenza tal-Qorti Ġenerali mogħtija fil-Kawża T-562/10, fis-7 ta' Diċembru 2011, iżda minflok, bil-kontra tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali, reġa' inkluda lir-rikorrenti fil-lista ta' sanzjonijiet.

(4) Ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' bażi legali sabiex ir-rikorrenti tiġi inkluża fil-lista ta' sanzjonijiet

Barra minn hekk, ir-rikorrenti tallega li l-motivi indikati mill-Kunsill għall-inklużjoni tar-rikorrenti fil-listi ta' sanzjonijiet ma humiex, fil-biċċa l-kbira tagħhom, korretti u ma jstgħux jiġġustifikaw l-inklużjoni tar-rikorrenti fil-listi ta' sanzjonijiet.

(5) Il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għall-proprjetà

L-inklużjoni l-ġdida tar-rikorrenti fil-listi ta' sanzjonijiet tikkostitwixxi ndħil mhux iġġustifikat fid-dritt fundamentali tagħha għall-proprjetà, għaliex ir-rikorrenti ma tistax tifhem, minħabba l-motivazzjoni insuffiċjenti mogħtija mill-Kunsill, liema huma l-motivi li minħabba fihom ġiet inkluża fil-listi ta' sanzjonijiet. Minbarra dan, l-inklużjoni l-ġdida tar-rikorrenti fil-listi ta' sanzjonijiet hija bbażata fuq evalwazzjoni manifestament żbaljata, magħmula mill-Kunsill, tas-sitwazzjoni u tal-attivitajiet tagħha u hija wkoll sproporzjonata.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/35/PESK, tat-23 ta' Jannar 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 19, p. 22).

⁽²⁾ Regolament ta' implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 54/2012, tat-23 ta' Jannar 2012, li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 961/2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 19, p. 1).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, p. 39).

⁽⁴⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU L 281, p. 1).

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2012 — Investigación y Desarrollo en Soluciones y Servicios IT vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-134/12)

(2012/C 157/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Investigación y Desarrollo en Soluciones y Servicios IT, SA (Alicante, Spanja) (rappreżtant: M. Jiménez Perona, avukat

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea Ares (2012)39854, tat-19 ta' Jannar 2012, dwar l-irkupru tan-noti ta' debitu li jikkorrispondu għall-verifika 09-INFS-001/041, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni tikkumpensa għad-dannu sofrut mir-rikorrenti minħabba l-aġir illegali tal-Kummissjoni li huwa s-suġġett tar-rikors, li jammonta għal EUR 732 788.